MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru. 780/2008

Il-Pulizija
(Sp Carlos Cordina)
vs
Carmel Cachia, iben Anthony imwieled iż-Żurrieq fit-28 ta' Diċembru, 1946, Karta ta' l-Identita numru 051547(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-12 ta' Ġunju, 2008 għal ħabta tal-kwarta ta' wara nofs in-nhar fi Triq il-Belt, Valletta, Żurrieq:
1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna offiżi ta' natura gravi u per durata fuq il-persuna ta' Godwin Cassar, skont kif iċċertifika Dr. Gabriella Scriha mill-Isptar Mater Dei, kif ukoll kif ċertifikat minn Dr. Sinisa Lalicevic mill-Isptar Mater Dei;

2. saq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAL 748, b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-12 ta' Ġunju, 2008 għal ħabta għal ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar Godwin Cassar li kien qed isuq truck tal-marka ERF, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAA 018, ħareġ minn ġo 'yard' ta' barriera fi Triq il-Belt, Valletta, Żurrieq. Hu ħareġ minn dan il-post u ipparkja t-truck tiegħu fuq in-naħa l-oħra tat-triq. It-truck kien wiċċu lejn il-fabbrika tal-'ST Micro-electronics'. Din it-triq li tieħu lejn iż-Żurrieq hija ta' żewġ korsiji, jiġifieri tista' tieħu żewġ vetturi sejrin f'direzzjoni opposta, waħda fuq kull naħa. Hi triq traffikuża u is-sewqan f'din it-triq għandu jkun wieħed attent billi hemm linja bajda mal-art biss li tifred iż-żewġ korsiji. Dak in-nhar kienet ġurnata sabiħa, l-art kienet xotta u il-vizwali ta' fejn ġara l-inċident kienet waħda tajba.

Illi meta Godwin Cassar nieżel minn fuq it-truck, l-intenzjoni tiegħu kienet li jaqsam it-triq u jmur jagħlaq ix-xatba tal-'yard' minn fejn kien għadu kemm ħareġ. Għalhekk, nieżel mit-truck, ħares lejn id-direzzjoni taż-Żurrieq, ħares lejn id-direzzjoni tal-fabbrika msemmija u beda jaqsam. Kif jirrizulta mill-pjanta tal-inċident eżebita fl-atti ta' din il-kawża, meta wasal fin-nofs tat-triq hu safa' milqut u imtajjar minn vettura li kienet ġejja mid-direzzjoni taż-Żurrieq.

Illi din it-tieni vettura kienet tal-marka Ford Orion, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAL 748, misjuqa mill-imputat.

Illi konsegwenza ta’ din l-inċident Godwin Cassar sofra ksur f’diversi għadam ta’ wiċċu, fuq in-naħa ta’ xelluq ta’ wiċċu. Għal bidu t-obba ħasbu li kellhu bżonn li jiġi operat iżda ħadu deċizjoni li ma jmissulux wiċċu. Fil-fatt, hu irkupra fi żmien sitt xhur wara li ġara l-inċident.

Illi l-imputat xehed li hu ra t-truck wieqaf u raġel ftit ‘il barra għan-nofs tat-triq. Ir-raġel kien wieqaf iħares lejn id-direzzjoni tal-fabbrika. Fil-pront dan ir-raġel beda miexi, jaqsam it-triq. Godwin Cassar ma kienx qed jaqsam it-triq perpendikolarment iżda kien qed jaqsam djagonalment. Dan il-fatt hu rilevat li għaliex Godwin Cassar ried jaqsam it-triq biex jagħlaq ix-xatba u it-truck kien wieqaf iktar ‘l fuq mix-xatba. L-imputat igħid li hu nħasad, zamm il-barake iżda laqgħat lil Godwin Cassar. L-imputat inħasad meta Godwin Cassar li kien għadu qed iħares lejn id-direzzjoni tal-fabbrika qabad u qassam. L-imputat igħid li Godwin Cassar ammetta miegħu li l-inċident li ġara kien tort ta’ l-istess Godwin Cassar. Għandu jiġi rilevat li dak li qal Godwin Cassar ma ġiex rappurtat lill-uffiċjal tal-pulzija li nvesiga l-inċident ‘a tempo vergine’.

Illi jirrizulta ċertu fatti li jitfgħu dawl fuq dan l-inċident. Fl-ewwel lok, f’dik it-triq ma hemm ebda ‘parking bays’ u għalhekk il-prezenza tat-truck fil-karreġġjata ħoloq inkonvenjent għat-traffiku sejjer lejn id-direzzjoni tal-fabbrika. Fit-tieni lok, minn kien ġej miż-Żurrieq kellhu joqgħod ħafna iktar attent billi jrid jabeż dan it-truck wieqaf. Fit-tielet lok, Godwin Cassar kellu jkun prudenti ferm billi dik hi triq traffikuża ħafna u il-vizwali fuq iż-żewġ naħat hi waħda tajba u fit-tul. Fir-raba’ lok, l-imputat hekk kif ra lil Godwin Cassar bil-persuna tiegħu li kienet qed tindika li hu kien ser jaqsam it-triq, kellu jkun aktar attent min-normal. Hu kellu joksor li Godwin Cassar kien ser jaqsam. Il-fatt li Godwin Cassar ma kienx qed iħares lejh kien sinjal ċar li l-imputat kellu juża aktar prudenza. L-imputat xehed li Godwin Cassar ħasdu. Dan qatt ma kellu jiġri kieku hu kien iffukat fuq is-sewqan tiegħu. Min-naħa l-oħra Godwin Cassar mhuwiex meħlus mill-fatt li hu qassam it-triq mingħajr ma ra l-karozza tal-imputat ġejja min-naħa opposta.

Illi min dak li ntqal hawn fuq l-imputat jista’ jinstab ħati biss ta’ sewqan traskurat u li kkawża feriti ta’ natura gravi nvolontarji.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati ta’ sewqan traskurat u li kkawża feriti ta’ natura gravi nvolontarji. Rat l-artikoli 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elf u ħamis mitt euro (€1,500). Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ mhemmx lok li l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzja tas-sewqan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------